MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 34/2011

**Victor Portelli**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Portelli 15945(G) datat 12 ta' Awwissu 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona *a tenur* tal-**artikolu 41(6) tal-Kap 504**: -

Preliminari

Illi b'applikazzjoni prezentata fis-sitta (6) ta' Jannar 2006, l-appellant Victor Portelli talab sabiex f'sit fi Triq Sant' Antnin, Ghajnsielem jissanzjona *studio flat* fit-tieni sular.

L-applikazzjoni giet rifjutata fis-16 ta' Ottubru 2007 mill-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar ghas-segwenti ragunijiet:

*"1. The height of the proposed building exceeds the maximum height limitation for this area of Ghajnsielem as defined by the Gozo and Comino Local Plan. It is therefore incompatible with the characteristics of the area and with the Local Plan for the area, which seeks to limit height in order to safeguard the general amenity of the area.*

*2. The proposed development would detract from the overall objectives of the Structure Plan for the preservation and enhancement of buildings, spaces town spaces within Urban Conservation Areas and so does not comply with Structure Plan policy UCO6.*

*3. The proposed development is incompatible with the Urban Design and Environmental characteristics of the Urban Conservation Area. It would not maintain the visual integrity of the area and so does not comply with Structure Plan policy BEN2*".

Fl-appell tieghu l-avukat Dr. Carmelo Galea ghall-appellant ssottometta li: (a) proprjament is-sid tal-izvilupp mhux Victor Portelli personalment, izda fil-kwalita' tieghu bhala mandatorju ta' Fortunato Theuma u ghalhekk talab il-korrezzjoni fl-okkju; (b) l-applikazzjoni hi *'to sanction',* cioe' mhux qed jigi propost bini gdid - l-appartament in fatti nxtara minn Fortunato Theuma b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-13 ta' Frar 2001 u l-flat kien inbena qabel dahal fis-sehh qabel dahal fis-sehh l-**Kap. 356**; (c) fejn area hi '*committed*' ghal certu gholi hu diskriminatorju li applikazzjoniiiet ricenti ma jinghatawx l-istess trattament.

Illi b'decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 2011, it-Tribunal irrifjuta din l-applikazzjoni. It-Tribunal sejjes id-decizjoni tieghu fuq il-punt principali li fil-mori tas-smigh tal-appell dahal fis-sehh il-proviso tal-**Att 69 (2) (i) tal-Kap 504**. Dan l-artikolu qieghed jistabilixxi li ebda *commitment*

*in eccess* tal-*height limitation* indikat fil-Pjan Lokali ma jista' jigi ikkunsidrat biex jigi approvat zvilupp in eccess *tal-height limitation* indikat fil-Pjan Lokali. L-appellant kien qieghed jibbaza interament id-difiza tieghu ta' dan l-appell fuq il-punt krucjali li l-akkwati kienu *committed* ghall-bini bi tlett sulari (u sahansitra fl-akkwati kienu hargu permessi ta' bini li jeccedu din il-*height limitation) u* ghalhekk it-Tribunal skarta l-argumentazzjoni kollha tal-istess appellant fuq il-bazi tal-*proviso sucitat*.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni fejn it-Tribunal ma tax il-permess mitlub u ghaldaqstant *entro* t-terminu prefiss mil-Ligi qieghed jinterponi dan l-appell fuq punt tal-ligi quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell *a tenur* tal-**artikolu 41(6) tal-Kap. 504** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu:

(a) fil-fatt li t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar ma seta' qatt japplika l-artikoli godda tal-**Kap 504** ghall-appelli li kienu gew intavolati qabel id-dhul fis-sehh tal-Att u l-artikoli tieghu u li kienu ghadhom pendenti stante li ma kien hemm l-ebda regola esplicita fl-**Att 'X' tal-2010** li tipprovdi ghal tali applikazzjoni. Bl-agir tieghu li japplika l-artikoli godda ghall-appelli li kienu pendenti, t-Tribunal kien qieghed jaghti effett retroattiv lil dawn l-artikoli u dan meta kien hemm l-ebda disposizzjoni li tali artikoli jinghataw effett retroattiv;

(b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, id-dritt tal-appellant li huwa jkollu smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie vjolat peress illi l-kaz tieghu dam kwazi erba' snin biex jigi deciz;

**Fatti tal-Kaz**

Minn analizi tal-process, jirrizulta b'mod mill-aktar car li l-kwistjoni principali li kienet tqajmet mill-MEPA biex tiggustifika r-rifjut tal-applikazzjoni principali huwa l-fatt li fis-sit in kwistjoni l-bini ma setax jeccedi z-zewg sulari, Ghaldaqstant fid-difiza tieghu l-appellant, ipprezenta

numru ta' permessi u *site plans* (biex tinghata idea ta' kemm kienu imbeghdin mis-sit in kwistjoni l-permessi li kienu gew approvati) u dan biex jiggustifika l-fatt li l-*area* madwar is-sit tieghu kien fih bini li kien qieghed jeccedi dan il-limitu ta' gholi. Ghalhekk l-akkwati - minkejja dak li kien jistabilixxi l-*Local Plan* - kienu *commited* ghal zvilupp ta' tliet sulari.

Fil-mori tal-appell dahal fis-sehh il-**Kap 504** li bidel sostanzjalment il-**Kap 356** u a bazi tal-emendi li saru waqt li kien ghaddej is-smigh ta' dan l-appell, l-Awtorita' qajmet eccezzjoni ulterjuri fil-4th Statement taghha fis-sens li: *"The Tribunal should also note that according to the proviso of Article 69 (2) (i) of the Environment and Planning Act (2010) existing buildings that legally exceed the height limitation do not constitute a commitment to be taken into accout by the Authority in its assessment."*

*In vista* tal-proviso gdid li gie inserit, it-Tribunal injora kompletament l-argumenti tal-appellant li l-*area* kienet *committed* ghal zvilupp ta' tliet sulari u per konsegwenza ikkonferma r-rifjut tal-permess.

*In oltre* l-appell kien gie intavolat fl-erbatax (14) ta' Novembru 2007 u gie deciz fit-28 ta' Lulju 2011, kwazi erba' snin wara.

**Il-Principju tar-Retroattivita`**

Meta wiehed jigi biex jiddefinixxi retroattivita` wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn *'true retroactivity'* u *'quasi-retroactivity'.* TC Hartley jaghti definizzjoni semplici imma effettiva ta' dawn iz-zewg kuncetti:

*" 'True retroactivity' consists in the application of a new rule of law to an act or transaction which was completed before the rule was promulgated. The second concept .... 'quasi retroactivity' occurs when a new rule of law is applied to act transaction in the process of completion."* (*Hartley TC., The Foundations of European Community Law, 4th Edition (1998), Oxford University Press, pg 143).*

Din id-definizzjoni ghalhekk tindika li wiehed jista' jitkellem fuq <u>effetti retroattivi</u> anke jekk ikollok process li jkun ghaddej u l-ligijiet li jirregolaw tali process jinbidlu fil-mori ta' dan il-process. Jigifieri mhux il-kaz ghalhekk li wiehed jitkellem fuq retroattivita' biss f'kaz li l-**Kap 504** effettwa permess li kien diga` nhareg, kif tipprova taghti x'tifhem l-Awtorita'. Wiehed jista' jqis li kien hemm wkoll kaz ta' retroattivita' jew 'quasi-retroattivita`" ghaliex il-ligijiet applikabbli ghall-process li kien ghaddej inbidlu fil-mori tal-istess process.

Huwa principju li gie rikonoxxut mill-Qrati taghna u anke mill-Qrati tal-Unjoni Ewropea li ligi gdida ghandha jkollha effett mid-data ta' meta tidhol fis-sehh 'il quddiem. Tezisti presunzjoni li kull effett retroattiv huwa eskluz. Biex ligi jkollha effett retroattiv, dan jrid jemani mill-istess *test* tal-ligi fuq l-iskorta tal-massima *ubi lex volit dixit.* Fis-sentenza **Joseph Caruana Curran noe vs Anthony Camilleri** (deciza fid-29 ta' Ottubru 1959 u riportata f'Vol 43D. ii. 768) gie specifikat li biex ligi jkolla effett retroattiv, jehtieg li dan jkun jirrizulta b'mod miil-aktar car u f'kaz ta' dubju ghandu jitqies li tali retroattivita` hija kompletament eskluza. Dan il-principju gie affermat wkoll f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Edgar Baldacchino et vs Onor Dr Tommaso Caruana Demajo** *(*deciza fis-26 ta' Frar 1954; riportata f'Vol. 38A(1954).i.61). Il-Qorti tal-Appell spjegat li meta f'ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita` din il-ligi m'ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk il-materja li tkun qed tindirizza l-ligi promulgata tkun ta' interess jew ordni pubbliku.

Il-principju li ligi ma ghandhiex titqies li jkollha effett retroattiv tohrog wkoll b'mod indirrett mill-**Kap. 249 - L-Att dwar l-Interpretazzjoni**. Difatti l-**artikolu 9** jistabilixxi l-possibilita` li ligi sussidjarja jkollha effett retroattiv:

*"Kull ligi maghmula wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att bis-sahha ta' setgha moghtija b'xi Att mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att tista', kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju fl-Att li jaghti dik is-setgha, tkun retroattiva ghal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-sehh*

*ta' dak l-Att jew, meta disposizzjonijiet differenti tieghu jkunu jibdew isehhu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-sehh tad-disposizzjoni li bis-sahha taghha ssir il-ligi sussidjarja:*

*Izda ebda persuna ma tehel xi piena dwar xi haga li tkun saret jew li naqset milli ssir qabel il-bidu fis-sehh tal-ligi sussidjarja."*

Jekk wiehed ghalhekk jargumenta a *contrario sensu,* ifisser li l-effett retroattiv tal-ligi mhuwiex prezunt.

**In-Nuqqas ta' Retroattivita` tal-Kap 504**

Jekk wiehed jezamina l-**Kap. 504** minn imkien ma jirrizulta li kien hemm disposizzjoni transitorja jew artikolu li jistabilixxi b'mod car u inekwivoku li l-**artikoli tal-Kap. 504** kellhom japplikaw b'mod retroattiv b'mod li jolqtu applikazzjonijiet jew appelli li kienu pendenti. Il-fatt li t-Tribunal il-gdid li gie kostitwit ha l-kazijiet li kienu ghadhom mhux decizi tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma jfissirx u ma jistax jwassal ghall-konkluzjoni certa u inekwivoka li kull klawsola tal-Att kellha titqies li tapplika wkoll ghal proceduri mibdija qabel id-dhul fis-sehh tal-artikoli tal-Att u li kienu ghandhom pendenti wara li dahal fis-sehh l-Att.

M'hemmx dubju li l-*proviso* ghall-**artikolu 69 (2) (i) tal-Kap, 504** li: *"ebda konsiderazzjoni materjali nkluzi konsiderazzjoni bbazata fuq l-ezistenza ta' binjiet fil-madwar ma tista' tigi nterpretata jew tintuza sabiex izzid l-limitazzjoni tal-gholi stabbilita fil-pjan"* dahal fis-sehh fil-31 ta' Dicembru 2010 **(Ara Avviz Legali 511 tal-2010, regolament tnejn (2)).** Huwa car wkoli li qablu ma kien hemm l-ebda artikolu analogu iehor taht il-**Kap.356** u ghalhekk fiz-zmien li saret l-applikazzjoni u l-appell in kwistjoni dan l-artikolu kien inezistenti. Fin-nuqqas ta' disposizzjoni li tiddikjara li tali artikolu kellu japplikat ghall-applikazzjonijiet u appelli pendenti, t-Tribunal ma seta' qatt legalment jiddikjara li tali artikolu kellu japplika ghall-appell odjern. Dan ghaliex bid-dikjarazzjoni tieghu t-Tribunal kien qieghed jaghti effett retroattiv li tali artikolu

meta ma kien hemm l-ebda disposizzjoni jew intenzjoni li tipprovdi ghar-retroattivita’ ta’ dak l-artikolu.

Ir-riferenza li ghamel it-Tribunal ghas-sentenzi fl-ismijiet **Angelo Farrugia vs Awtorita` tal-Ippjanar u Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** bl-ebda mod ma jistghu jaghtu komfort lid-decizioni tat-Tribunal ghar-raguni li dawn id-decizjonijiet kienu qeghdin jaghmlu rifereza ghall-pjanijiet u *policies in vigore* fiz-zmien li tkun ittiehdet id-decizjoni u mhux ghall-artikoli tal-ligi li johorgu mill-att li jirregola l-Ippjanar.

**Id-Dritt tas-Smigh Xieraq fi Zmien Ragjonevoli**

Huwa dritt sancit mill-Kostituzzjoni taghna (**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**) u anke mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319)**) li persuna hija intitolata ghall-smigh xieraq fi zmien ragjonevoii. Sabiex wiehed jara jekk jirrizultax lezjoni tad-drittijiet ghal smigh xieraq minhabba dewmien, irid jigu ezaminati tliet punti essenzjali u cioe’: (a) in-natura jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni; (b) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza; u (3) l-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita’ gudizzjarja stess. (**Francis Said vs l-Avukat Generali** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sitta (6) ta Mejju 2009).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizuita li l-kwistjoni li kellu quddiemu t-Tribunal kienet principalment il-kwistjoni tal-*height limitation* tas-sit u cioe jekk l-akwati kinux *committed* ghall-bini ta’ tliet sulari, kwistjoni li bir-rispett kollu ma kellhiex ghalfejn iddum kwazi erba’ snin biex tigi deciza. Mill-atti jirrizulta bic-car li l-appell odjern kien gie prezentat fl-14 ta’ Novembru 2007 u d-decizjoni inghatat kwazi erba’ snin wara. Huwa minnu li saru numru ta’ noti mill-appellant quddiem it-Tribunal, pero’ dawn in-noti kienu kollha necessarji *in vista* tal-fatt li l-Awtorita` f’ kull *statement* taghha kienet qed tqajjem punti godda li l-appellant ma setax ma jirrispondix ghalihom. *In oltre* la darba l-kwistjoni kienet fuq *height limitation,* l-appellant kien qieghed wkoll jipprezenta riferenzi ta’ permessi li

kienu qeghdin jigu approvati tul is-smigh tal-appell biex jkompli jiggustifika t-tezi tieghu li effettivament l-akwati kienu *committed* ghal zvilupp bi tliet sulari. Dan ghaliex il-MEPA kienet qed tinsisti kontinwament li bini ta’ tliet sulari ma kienx accettabbli fis-sit mertu tal-applikazzjoni.

Dan kollu wassal ghal tul tal-proceduri b’mod li lahaq dahal fis-sehh il-**Kap 504**. L-Awtorita` mbaghad ippruvat tuza dan l-element a favur taghha. Bizzejjed jinghad li l-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-*proviso* tal-**artikolu 69 tal-Kap 504** tqajmet fil-*fourth statement* tal-Awtorita` u dan disa’ xhur wara li l-appellant kien ipprezenta n-nota finali tieghu tas-sittax (16) ta’ Lulju 2010. Wara din id-data l-appell seta’ facilment thalla ghad-decizjoni u ma kien hemm l-ebda necessita’ li dan l-appell jigi assenjat lit-Tribunal il-gdid. Huwa umilment sottomess li dan kollu wassal sabiex gie pregudikat l-istess appellant.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell, l-esponenti - filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-provi gia` prodotti quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u ghan-noti minnhom ipprezentati u jirrizervaw id-dritt illi jipproducu provi ulterjuri skont il-ligi - jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar moghtija nhar il-Hamis, tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju 2011 fl-ismijiet premessi u tordna li l-kaz jerga’ jigi rimess lit-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar diversament presedut ghall-konsiderazzjoni mill-gdid tal-kaz.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2012.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Carmelo Galea datat 14 ta’ Novembru 2011 a fol 11 tal-process fejn l-esponenti talab lil din il-Qorti joghgobha tirrikjama s-smigh tal-kawza

possibilment ghall-24 ta’ Jannar 2012; u l-Qorti laqghet it-talba prevja li jsiru n-notifiki relattivi mir-rikorrenti kif jidher bid-digriet moghti fil-15 ta’ Novembru 2011.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta’ Novembru 2011 a fol 14 tal-process, fejn permezz taghha esebiet *animo ritirandi* l-*file* tat-Tribunal ta’ Rivizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet “**Victor Portelli vs Awtorita` ta’ Malta**” deciz mit-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta’ Jannar 2012 a fol 15 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi jinghad li l-Bord kien korrett meta applika l-ligi vigenti dakinhar li nghatat id-decizjoni u mhux dik meta saret l-applikazzjoni (*vide* **Angelo Farrugia vs MEPA deciza fl-24 ta’ April 1996**). Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant ma kienx hemm il-htiega li jinghad li l-**artikolu 69 tal-Kap 504** jkollu effett ghall-applikazzjonijiet kollha pendenti ghaliex fid-decizjoni tal-istess ghandhom jipprevalu l-ligijiet u l-*policies* vigenti dakinhar tad-decizjoni;

2. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, jinghad bir-rispett kollu li din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni ta’ natura kostituzzjonali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull appell jiehu l-hin tieghu u ma jistax jinghad li fil-kaz odjern kien hemm xi dewmien ezagerat jew li t-Tribunal kaxkar saqajh ghal xi raguni specifika kif allegat mill-appellant.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 28 ta’ Lulju 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fit-28 ta’ Lulju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Prof. Ian Refalo u Dr. Carmelo Galea ghall-appellanti, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita' appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolo ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa msejjes fuq zewgt aggravji u cjoe' (a) li ghal dan il-kaz gie applikat l-**artikolu 69 (2) tal-Kap. 504** li gie invigore fil-31 ta' Dicembru 2010 permezz ta' **regolament tnejn (2) tal-Avviz Legali 511 tal-2010** u dan kien zbaljat ghaliex din kienet applikazzjoni li kienet ilha pendenti mill-2006 u bbazata fuq l-argument ta' committement ghall dik l-area, u allura ma setghax japplika ghall dan il-kaz dan il-providement ghaliex altrimenti jkun ifisser li ligi qed tigi applikata retroattivata, haga li mhux normali li ssir dment li l-ligi stess ma tipprovdix ghal dan; (b) ma sarx smiegh fi zmien ragonevoli ghaliex din il-kwistjoni ma' kellhiex iddum erba' snin fl-appell u dan id-dewmien ma' kienx dovut ghall-appellant.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li huwa ben fondat ghaliex la l-proceduri bdew qabel ma gie *in vigore* l-**Kap. 504** fil-31 ta' Dicembru 2010, tali disposizzjonijiet li jolqtu l-mertu ta' dan l-appell kellhom jigi decizi skont il-ligi li kienet *in vigore* f'dak iz-zmien tal-intavolar tal-appell, iktar u iktar meta permezz tal-**artikolu 69 (2)** l-kuncett ta' *commitment* (li gie rikonoxxut legislattivament fl-istess Att) tal-gholi fil-bini fil-vicinanzi ma setghax minn meta dahal fis-sehh fl-istess Att jigi interpretatt li jgholli l-*height limitation* indikat fil-Pjan, u dan allura jista' jinghad li setgha b'xi mod illimita l-applikazzjoni tal-kuncett ta' *commitment* dwar zviluppi bil-permess li ghandhom l-

istess gholi ta’ dak ta’ l-applikant, liema kuncett ta’ commitment kien il-bazi principali tal-appell tal-appellant quddiem dak iz-zmien il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar kif jidher mill-appell intavolat fit-8 ta’ Novembru 2007. Dan kollu gie sottomess lit-Tribunal mill-istess appellanti anke permezz ta’ nota datata 6 ta’ Gunju 2011.

Illi fil-fatt l-argumenti kollha fir-rigward tal-istess tal-appellanti huma kollha validi nkluzi dak bbazati fuq id-decizjonijiet hemm citati, u wkoll fuq l-**artikolu 9 tal-Kap. 249 – l-Att dwar l-Interpretazzjoni,** u huwa relevanti li l-istess **Kap. 504** ma ghandhu l-ebda klawsola li tiddisponi li tali disposizzjoni ghandhom japplikaw retroattivament jew ghal kazi gja pendenti quddiem l-istess Awtorita’. Fil-fatt fil-verita’ fuq dan il-punt zgur l-istess Att jew Kap lanqas ghandhu disposizzjoni transitorja, u dan ta lok ghal disgwid serju fl-applikazzjoni ta’ diversi disposizzjonijiet tal-istess Att, kif jidher minn numru ta’ appelli quddiem l-istess Tribunal u specjalment quddiem din il-Qorti.

Illi dan il-punt ma gie bl-ebda mod trattat mit-Tribunal li ghazel li jiccita *inter alia* s-sentenza fl-ismijiet **“Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. – 31 ta’ Mejju 1996) li trattat il-punt li huma l-*policies vigenti* fil-mument tad-decizjoni li japplikaw u mhux dawk li kienu jezistu fil-mument li saret l-applikazzjoni izda anke hawn dan gie deciz fid-dawl ta’ dak li kienu d-disposizzjonijiet transitorji li kien hemm meta dahal *in vigiore* l-**Kap. 356,** haga li ma saritx meta dahal fis-sehh il-**Kap. 504.** Dan apparti l-fatt li l-gurisprudenza dwar *commitment*, l-applikabilita’ tieghu, u t-tifsira ta’ l-istess tbiddlet min dak iz-zmien b’decizjonijiet tal-istess Onorabbli Qorti tal-Appell komposta kollegjalment u wkoll ta’ din il-Qorti kif komposta u kif diversament komposta, anke minhabba dak li gie deciz b’diversi sentenzi fosthom u fuq kollox dik fl-ismijiet **“Alex Montanaro nomine vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ L-Izvilupp”** (A.C. – 9 ta’ Frar 2001), **“Michael Gatt v. L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 19 ta’ Novembru, 2001) u **“Marie Louise Farrugia vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) - 24 ta’ Frar 2003); **“Max Zerafa vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C.

(RCP) - 12 ta'Jannar 2004); **"Santinu Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) - 24 ta'Marzu 2003); **"Jimmy Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 24 ta' Marzu 2003); **"Ignatius Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Mejju 2004); **"Andrew Mangion vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2003); **"Joseph Muscat vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (PS) – 18 ta' Mejju 2005) u **"Consiglio D'Amato vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 24 ta' Mejju 2004). Certament li din il-gurisprudenza kollha ma tistax tigi hekk injorata. Fil-fatt din il-Qorti thoss li minn qari tal-konsiderazzjonijiet tad-decizjoni tat-Tribunal kollox kien ibbazat fuq l-**artikolu 69 (2) tal-Kap. 504** li in vista ta' dak deciz ma huwiex applikabbli ghall kaz ghaliex tali artikolu ma ghandhux jigi applikat retroattivament f'nuqqas ta' disposizzjoni legali espressa li tipprovdi mod iehor tassattivament. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tieni aggravju ma jidhirx ghaliex tali appell kellhu jdum 4 snin sabiex jigi deciz, almenu mill-atti ma jidhirx li dan huwa apparenti, u certament li idealment l-appell ghandhu jigi deciz fi zmien iqsar; pero' hawn kollox huwa relattiv ghaliex kollox jiddependi fuq l-ammont ta' appelli li ghandhom jigu decizi minn Bord jew Tribunal wiehed, u l-mezzi disponibbli ghall-istess Tribunal jew Bord, u diversi fatturi ohra amministrattivi, u forsi l-iktar importanti fosthom li amministrattivament jkun hemm l-infrastruttura necessarja sabiex min jiddeciedi jkollu l-mezzi kollha disponibbli li jkun jista' jaghmel dan f'qasir zmien, u dan terga l-Qorti tghid huwa wkoll relattat man-numru ta' appell li kull Bord jkollu. Din il-Qorti thoss li dan il-kaz ma kellhux diffikultajiet partikolari li kellhu jdum 4 snin sabiex jigi deciz, izda dan kollu li qed jinghad huwa relattiv, u d-decizjoni fuq dan il-punt tiddependi minn diversi cirkostanzi, fosthom dak hawn imsemmija, u allura ghalkemm l-appellant hawn ghandhu ragun, u jista' jinghad li dan id-dewmien setgha ppregudikah ukoll, mhux ghal din il-Qorti li taghti rimedju ghall-istess; jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz, in vista' ta' dak dispost fuq l-ewwel

aggravju, d-decizjoni tat-Tribunal ser tigi annulata u l-process rimess lill-istess Tribunal sabiex jiddeciedi l-kaz skont kif provdut f'din id-decizjoni u skond il-Ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' appellata kontenuta fir-risposta taghha ghal dan l-appell datata 23 ta' Jannar 2012 in kwantu l-istess hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Victor Portelli** fir-rikors tal-appell tieghu datat 12 ta' Awissu 2011 u dan fis-sens hawn deciz  u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"Victor Portelli vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** tat-28 ta' Lulju 2011 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar kompost skond il-Ligi, sabiex fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------